

**Metodoloġija għat-tqassim tal-ispejjeż tar-rieżami mġarrba mill-applikant u mill-Bank Ċentrali
Ewropew fil-kuntest ta' rieżami mill-Bord Amministrattiv**

F'każijiet fejn il-Kunsill Governattiv jirrevoka d-deċiżjoni inizjali jew jemenda l-parti operattiva tagħha bħala konsegwenza tal-avviż ta' rieżami, il-BĊE għandu jirrimborsa l-ispejjeż imġarrba mill-applikant fil-kuntest tar-rieżami, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe spejjeż sproporzjonati mġarrba mill-applikant meta jippreżenta evidenza bil-miktub jew orali u fir-rigward ta' rappreżentanza legali, li għandhom jitħallsu mill-applikant. Fi kwalunkwe każ, ir-rimbors mill-BĊE ta' spejjeż imġarrba mill-applikant m'għandux jaqbeż EUR 50 000 għal kull rieżami individwali mill-Bord Amministrattiv.

F'każijiet fejn il-Kunsill Governattiv jissottiwixxi d-deċiżjoni inizjali b'deċiżjoni ta' kontenut identiku jew jemenda biss il-parti mhux operattiva (*) tad-deċiżjoni inizjali bħala konsegwenza tal-avviż ta' rieżami, l-applikant għandu jikkontribwixxi għall-ispejjeż imġarrba mill-BĊE fil-kuntest tar-rieżami. Il-persuni fiżiċi għandhom iħallsu somma f'daqqa ta' EUR 500. Il-persuni ġuridiċi għandhom iħallsu somma f'daqqa ta' EUR 5 000. Il-ħlas ta' din is-somma f'daqqa jibqa' mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 13 ta' din id-Deċiżjoni.

F'każijiet fejn l-applikant jirtira avviż ta' rieżami skont l-Artikolu 7(6) ta' din id-Deċiżjoni, l-applikant u l-BĊE għandhom jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tagħhom stess, jekk ikun hemm.

(*) Parti mhux operattiva tirreferi għal kwalunkwe parti tad-deċiżjoni li tagħti l-bażi u r-raġunament għad-deċiżjoni tal-BĊE, irrispettivament mill-kliem li jintuża fid-deċiżjoni nfisha biex jindika dik il-parti."
